

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: UBS Real Estate Kapitalanlagegesellschaft mbH

Konvenut: Agenzia delle Entrate

Dispożittiv

L-Artikolu 56 KE (li sar, wara emenda, l-Artikolu 63 TFUE) għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tillimita l-benefiċċju tat-tnaqqis tat-taxxi ipotekarji u t-tariffi tar-Reġistru tal-Artijiet għall-fondi ta' proprjetà immobblī tat-tip magħluq biss, bl-eskużżoni ta' dawk tat-tip miftuħ, jekk kemm-il darba dawn iż-żewġ kategoriji ta' fondi jkunu jinsabu f'sitwazzjonijiet oġġettivament komparabbli, sakemm tali differenza fit-trattament ma tkunx iġġustifikata mill-għan intiż li jillimita riskji sistemiċi fis-suq tal-proprjetà immobblī.

(⁽¹⁾ ĠU C 357, 21.10.2019.)

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tas-16 ta' Diċembru 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-i-Spetsializiran nakazatelen sad – il-Bulgarija) – proċeduri kriminali kontra HP

(Kawża C-724/19) (⁽¹⁾)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Ordni ta' investigazzjoni Ewropea – Direttiva 2014/41/UE – Artikolu 2(c)(i) – Kunċett ta' “awtorità emittenti” – Artikolu 6 – Kundizzjonijiet ta’ ħruġ ta’ ordni ta’ investigazzjoni Ewropea – Artikolu 9(1) u (3) – Rikonoxximent ta’ ordni ta’ investigazzjoni Ewropea – Ordni ta’ investigazzjoni Ewropea intiżha sabiex tinkiseb data dwar it-traffiku u data ta’ lokalizzazzjoni marbuta mat-telekomunikazzjonijiet, maħruġa minn prosekutur innominat bħala “awtorità emittenti” mill-att nazzjonali li jittrasponi d-Direttiva 2014/41 – Kompetenza eskużżiva tal-imħallef, fil-kuntest ta’ proċedura nazzjonali simili, sabiex jordna l-miżura ta’ investigazzjoni indikata f’din l-ordni)

(2022/C 84/05)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Qorti tar-rinviju

Spetsializiran nakazatelen sad

Parti fil-proċeduri kriminali prinċipali

HP

fil-preżenza ta': Spetsializirana prokuratura

Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 2(c)(i) tad-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li prosekutur ikun kompetenti sabiex joħroġ, matul il-fażi preliminari ta’ proċeduri kriminali, ordni ta’ investigazzjoni Ewropea, fis-sens ta’ din id-direttiva, intiżha għall-kisba ta’ data dwar it-traffiku u ta’ data dwar il-lokalizzazzjoni marbuta mat-telekomunikazzjonijiet, meta, fil-kuntest ta’ proċedura nazzjonali simili, l-adozzjoni ta’ miżura investigattiva intiżha sabiex jinkiseb aċċess għal tali data tkun taqa’ taħt il-kompetenza eskużżiva tal-imħallef.
- 2) L-Artikolu 6 u l-Artikolu 9(1) u (3) tad-Direttiva 2014/41 għandhom jiġu interpretati fis-sens li r-rikonoxximent, mill-awtorità ta’ eżekuzzjoni, ta’ ordni ta’ investigazzjoni Ewropea maħruġa sabiex tinkiseb data dwar it-traffiku u data dwar il-lokalizzazzjoni marbuta mat-telekomunikazzjonijiet ma jistax jissostitwixxi r-rekwiżi applikabbli fl-Istat emittenti meta din l-ordni tkun inhāġet indebitament minn prosekutur fil-waqt li, fil-kuntest ta’ proċedura nazzjonali simili, l-adozzjoni ta’ miżura investigattiva intiżha sabiex tinkiseb tali data tkun taqa’ taħt il-kompetenza eskużżiva tal-imħallef.

(⁽¹⁾ ĠU C 413, 9.12.2019.)